# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawza Numru: 4**

**Rik. Gur. 26/2019 RGM**

**No Deposit Cars Malta Limited**
**(C 85780)**

**vs.**

**Kevin Alexander Rothig**
**(karta ta' l-identita' Tedeska numru LH8HRKR96F)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors guramentat ta' Luke Milton detentur tal-karta ta' l-identita` numru 174496M ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` No Deposit Cars Malta Limited** prezentat fil-11 ta' Jannar, 2019 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

**DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. Illi b'kuntratt datat 13 ta' Settembru 2018 (hawn anness u mmarkati bhala Dok A) il-konvenut xtrat permezz ta' kuntratt ta' *hire and purchase* ("il-Kuntratt") il-vettura BMW 440I bic-Chassis number WBA4E32000H386876 targata BCM319 (hawn aktar il-quddiem bhala "il-Vettura");

2. Illi skond l-istess Kuntratt il-konvenut kien ftiehem illi jhallas it-total ta' Sebgha u Hamsin Elf u Sitt Mitt Ewro (€57,600.00) b'pagamenti mensili ta' Tmien Mitt Ewro (€800.00) fix-xahar u dan fuq medda ta' hames (5) snin u hdax (11) il-xahar (vide Klawsola 2.4 tal-Kuntratt kif ukoll il-*Payment Schedule* annessa bhala Dok B). Illi inoltre il-konvenut iffirma tnejn u sebghin (72) kambjala ta' Tmien Mitt Ewro (€800.00) (hawn annessi u mmarkati bhala Dok C);

3. Illi l-konvenut ghamel tlett (3) pagamenti ta' Tmien Mitt Ewro (€800.00) sa Novembru 2018 u rritorna l-vettura minghajr ebda raguni valida u ghaldaqstant iddekada mill-beneficcju tat-terminu tal-hlas tal-prezz;

4. Illi skond il-Klawsola 7.1.1 tal-Kuntratt: "Default in the punctual payment of any one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment […] the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses"

5. Illi inoltre skond il-Klawsola 7.1.2 tal-Kuntratt: "a breach of any condition of this agreement by the Hirer, the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and

charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses…"

6. Ghalhekk sal-llum il-bilanc dovut, hu dak ta' Ħamsa u Ħamsin Elf u Mitejn Ewro (€55,200).

Ghaldaqstant titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut kisret l-kuntratt ta' *hire and purchase* datat 13 ta' Settembru 2018 bejn il-partijiet (Dok A);

2. Tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt ta' *hire and* bejn il-partijiet (Dok A) il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu tal-bilanc tal-prezz dovut fuq il-bejgh tal-Vettura BMW 440I bic-Chassis number WBA4E32000H386876 targata BCM319;

3. Tiddikjara li l-konvenut hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' Ħamsa u Ħamsin Elf u Mitejn Ewro (€55,200) rappresentanti bilanc dovut skont il-Ftehim Hire and Purchase tat-13 ta' Settembru 2018 (Dok A);

4. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' Ħamsa u Ħamsin Elf u Mitejn Ewro (€55,200);

5. Tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti hija l-propjetarja esklussiva tal-vettura BMW 440I bic-Chassis number WBA4E32000H386876 targata BCM319;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament finali kontra l-konvenut illi hu min issa ngunta in subizzjoni.

Rat illi wara diversi tentativi bla success sabiex jigi notifikat il-konvenut, il-konvenut gie notifikat bil-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni.

Rat l-affidavit ta' Christian Borg, direttur tas-socjeta' attrici, u ta' Mark Mussett, haddiem tas-socjeta' attrici, fejn taw spjegazzjoni dwar il-fatti li waslu ghall-intavolar tal-kawza odjerna.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici prezentata fil-21 ta' Awissu 2019.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Mill-provi mressqa jirrizulta sodisfacentement illi:-

1. Illi fit-13 ta' Settembru 2018 il-konvenut dahal fi ftehim mas-socjeta' attrici sabiex jixtri vettura numru BCM 319;

2. Illi skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet il-prezz pattwit ghall-vettura de quo kien ta' €57,600 u l-konvenut kellu jhallas il-prezz pattwit b'rati mensili ta' €800 -il wahda;

3. Illi apparti l-kuntratt ta' hire purchase il-konvenut iffirma wkoll 72 kambjala;

4. Illi wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' hire purchase il-konvenut effettwa biss tlett pagamenti mensili u waqf ihallas. Il-vettura de quo llum tinsab fil-pussess tas-socjeta' attrici; fir-rikors guramentat Luke Milton iddikjara li kien il-konvenut li irritorna l-vettura lis-socjeta' attrici filwaqt li fl-affidavit tieghu Mark Mussett xhed illi "... ma kellna ebda ghazla hlief li skond din il-klawsola nigbru l-vettura".

5. Skond klawsola numru 6 tal-kuntratt ta' hire purchase "The parties agree that the Motor Vehicle shall remain the sole and absolute property of the Owner until the Hirer pays the Owner the outstanding balance of €57,600 and all charges, fees and interest accrued".

6. Skond klawsola numru 7 f'kaz li l-konvenut ikun moruz fil-hlas tal-pagamenti mensili "this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer,... to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner..................Furthermore the Owner shall be entitoled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle as resold after possession ............"

**Konsiderazzjonijiet**.

Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi l-kontumacja ma hiex ammissjoni izda ghandha titqies mill-Qorti bhala kontestazzjoni u ghalhekk anke f'kawza fejn il-konvenut hu kontumaci tapplika ir-regola illi min jallega jrid jipprova - ***qui allegat probat.*** Artikolu 562 tal-Kap. 12 jipprovdi illi "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega."

Kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "**Rea Ceramics Limited vs Kunsill Malti ghall-Isport et.** " moghtija fit-18 ta' Lulju 2014, "....kif jghid l-Artikolu 158[10] tal-Kap. 12 il-konvenut kontumaci jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur, u dan fuq il-principju li l-kontumacja mhijiex ammissjoni jew semplici *walk-over* izda hija kontestazzjoni u allura xorta wahda l-attur jibqalu l-oneru li jressaq provi sodisfacenti in sostenn tat-talba tieghu."

L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li l-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, moghtija fis-27 ta' Gunju, 1953 "ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"."

Gie ppruvat sodisfacentement illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' €55.200 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' vettura li l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici.

Skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet una volta l-konvenut huwa moruz fil-hlasijiet mensili, is-socjeta' attrici ghandha dritt titlob il-hlas tal-bilanc kollu kif ukoll li tiehu pussess tal-vettura sabiex tinbiegh u r-rikavat jitnaqqas mill-bilanc dovut.

Jirrizulta wkoll li l-vettura gia' tinsab fil-pussess tas-socjeta' attrici.

Jehtieg ghalhekk illi l-vettura tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, fil-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut kiser l-kuntratt ta' *hire and purchase* datat 13 ta' Settembru 2018 bejn il-partijiet;

2. Tilqa' t-tieni talba, tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt ta' *hire and* bejn il-partijiet il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu tal-bilanc tal-prezz dovut fuq il-bejgh tal-Vettura BMW 440I bic-Chassis number WBA4E32000H386876 targata BCM319;

3. Tilqa' t-tielet talba, tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' Ħamsa u Ħamsin Elf u Mitejn Ewro (€55,200) rappresentanti bilanc dovut skont il-Ftehim Hire and Purchase tat-13 ta' Settembru 2018;

4. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' Ħamsa u Ħamsin Elf u Mitejn Ewro (€55,200);

5. Tilqa' l-hames talba u tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti hija l-propjetarja esklussiva tal-vettura BMW 440I bic-Chassis number WBA4E32000H386876 targata

BCM319 b'dan illi s-socjeta' attrici ghandha qabel xejn tipprocedi ghall-bejgh tal-vettura de quo taht l-awtorita' tal-Qorti b'dan illi mill-ammont ta' €55,200 dovut lis-socjeta' attrici ghandu qabel xejn jitnaqqas il-quantum tar-rikavat tal-bejgh tal-vettura kif hawn ordnat;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitlub.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**